MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA
U L-INTERN

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE
AND HOME AFFAIRS

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

LCD 75/1993/3
LCD 13/1994/IX

26 ta' April 2004

Lis-Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**Memo 8/2004**

**Dritt ta' Appell fuq Offerti Maħruġa mill-Kunsilli Lokali**

Qed nibgħatilkom żewġ kopji ta' ċirkularijiet maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar id-dritt ta' appell ta' offerent (*tenderer*) li jħossu aggravat b'deċiżjoni dwar l-għoti ta' offerta.

Dawn iċ-ċirkularijiet jittrattaw offerti li l-ammonti tagħhom ikunu ta' aktar minn Lm 5,000. Dwar offerti b'valur anqas minn Lm 5,000, dan id-Dipartiment qed jagħmel l-arranġementi meħtieġa biex jemenda r-Regolamenti dwar l-Offerti biex ikoprihom.

Intom mitluba tiflu sew dawn iċ-ċirkularijiet kif ukoll ir-regolamenti msemmija fihom. Dawn ir-regolamenti jistgħu jinkisbu billi wieħed jidħol fil-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (Avviżi Legali). Għandkom tagħtu attenzjoni partikulari għall-fatt li d-dritt ta' l-Appell jiskatta mal-pubblikazzjoni tad-deċizjoni tal-Kunsill liema pubblikazzjoni tkun effettiva biss meta r-riżultat ta' l-għoti ta' l-offerta jitwaħħal man-*Notice Board* tal-Kunsill.

Intom mitluba li **f'kull dokument ta' l-offerta**, mal-Kundizzjonijiet Ġenerali tinkludu waħda minn dawn il-klawsoli skond kif ikun applikabbli:

**<u>Dritt ta' l-Appell</u>**

Fil-każ li offerent *(tenderer)* iħossu aggravat bid-deċiżjoni dwar l-għoti tal-kuntratt, dan ikollu d-dritt li jappella mid-deċiżjoni skond il-klawsola 30 u 103 tal-Public Contracts Regulations, 2003 meta l-valur stmat tal-kuntratt ikun ogħla minn LM 20,000. L-appellant għandu, fi żmien erbatax-il ġurnata tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni (jiġifieri minn meta d-deċiżjoni tkun ġiet imwaħħla fuq in-*Notice Board* tal-Kunsill), iressaq l-appell tiegħu fil-Kunsill Lokali li jkun ħareġ l-Offerta flimkien mad-depożitu kif imsemmi fir-Regolament 103 ta' l-Avviż Legali 299 ta' l-2003.

*Jew*

**<u>Dritt ta' l-Appell</u>**

Fil-każ li offerent *(tenderer)* iħossu aggravat bid-deċiżjoni dwar l-għoti tal-kuntratt, dan ikollu d-dritt li jappella mid-deċiżjoni skond il-klawsola 20 tal-Public Contracts Regulations, 2003 meta l-valur stmat tal-kuntratt ikun bejn il-LM 5,001 u LM 20,000. L-appellant għandu, fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni (jiġifieri minn meta d-deċiżjoni tkun ġiet imwaħħla fuq in-*Notice Board* tal-Kunsill), iressaq l-appell tiegħu fil-Kunsill Lokali li jkun ħareġ l-Offerta flimkien mad-depożitu kif imsemmi fir-Regolament 20 ta' l-Avviż Legali 299 ta' l-2003.

Kopja tal-klawsola applikabbli għandha tiġi mehmuża mad-dokument ta' l-offerta.

26/28 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 21226534/5/6 FAX: 21224904

Meta jidħol avviż ta' oġġezzjoni għand il-Kunsill fiz-zewg każi msemmija, il-Kunsill ikun obbligat li minnufih iwaqqaf il-proċess ta' l-għoti tal-kuntratt.

**Għall-fini ta' stima tal-valur tal-kuntratt biex ikun determinat fejn jitressaq l-appell, din għandha tkun l-istima li jkun għamel il-Kunsill meta ddeċieda li joħroġ is-sejħa għall-offerti.**

Wara li tkun segwita l-proċedura meħtieġa, kif stipulat fil-*Public Contracts Regulations* 2003, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għandu jiġbor il-karti kollha relatati mal-każ, (per eżempju, l-offerti kollha li ntefgħu, riċevuta tad-depożitu ta' l-appellant u kull dokument ieħor relatat mal-każ) u jgħaddi dawn il-karti lid-Direttur Ġenerali, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Floriana. L-appelli li jidħlu dwar kuntratti stmati 'l fuq minn Lm 20,000 jiġu eżaminati u deċiżi mill-Bord ta' l-Appelli tal-Kuntratti Pubbliċi waqt li appelli dwar kuntratti stmati bejn l-LM 5,001 u LM 20,000 jiġu eżaminati u deċiżi mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Natalino Attard
Direttur (Gvern Lokali)

Kopji: Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
Segretarju Parlamentari, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern
Awditur Ġenerali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

NA/sf - misc